# Il-Kuxjenza u l-Membri Parlamentari Maltin

minn Dr Mario Thomas Vassallo

X'inhi l-kuxjenza? Liema huma dawk l-ingredjenti li jgħagħnuha? Il-kuxjenza hija assoluta jew relattiva? U l-kuxjenza timmatura mal-bniedem innifsu jew inkella hija fissa għax ma tinbidilx. F'din il-kitba se nkunu qegħdin nipprovaw inwieġbu għal dawn il-mistoqsijiet billi naraw kif jaħsbuha għadd ta' eks parlamentari Maltin. It-tema tal-kuxjenza fil-politika kemm-il darba ġiet mistħarrġa minn filosfi, moralisti u studjużi oħrajn, imma dan id-duwaliżmu ftit jew xejn kien studjat fl-arena politika Maltija. F'dan il-kuntest, din il-kitba se tkun qiegħda tinkwadra d-definizzjoni ta' kuxjenza fl-isfond ta' kif applikata fix-xjenza politika u l-ħidma parlamentari. Wara jkun imiss li jingħata tagħrif dwar il-metodoloġija mħaddma ta' kif inġabret l-informazzjoni primarja. Il-perspettivi kuntrastanti tal-parlamentari Maltin huma miġjuba fl-aħħar taqsima ta' din il-kitba li tinkwadra wkoll ir-riflessjonijiet konklussivi.

## Mil-letteratura internazzjonali

Fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem insibu żewġ stqarrijiet interessanti. L-ewwel hija dik li kull bniedem jitwieled ħieles u mogħni bid-dinjità tiegħu, inklużi wkoll ir-raġuni u l-kuxjenza li jgħinuh jgħix fis-soċjetà. It-tieni stqarrija torbot ma' tal-ewwel: kull bniedem għandu jgawdi mil-libertà tal-ħsieb u tal-kuxjenza, kemm fuq bażi individwali u kif ukoll fuq livell komunitarju (United Nation 1948). Kif jgħid DeBattista (2020), il-libertà li wieħed jaġixxi skont il-kuxjenza, għalhekk, mhux dritt riżervat għall-ħajja privata biss, imma dritt li jista' jkun eżerċitat ukoll fil-ħajja pubblika.

Hawn ħafna li ppruvaw jagħtu definizzjoni ta' kuxjenza. Hawn min wasal għal dan permezz ta' argumenti razzjonali, waqt li oħrajn irrikorrew għar-reliġjon biex jagħtu t-tifsira tagħhom. Fl-era klassika nsibu lil Aristotli li fix-xogħol tiegħu, *Ta Ethika,* huwa jikkonkludi li l-istudju u l-prattika tal-etika jsibu l-għeruq tagħhom fil-ġudizzju morali. Għaldaqstant, l-etika hija intrinsikament magħġuna fil-linja li tifred lit-tajjeb mill-ħażin. Kien l-appostlu San Pawl li użu għall-ewwel darba l-idea ta' kuxjenza bħala vuċi interjuri fil-bniedem li tgħinu jagħraf u jagħżel it-tajjeb (Pierce, 1958). San Tumas t'Akwinu bena fuq dan l-argument, imma saħaq ukoll li r-raġuni hija l-pedament ta' kull azzjoni morali li jieħu l-bniedem. Min-naħa tiegħu l-Kardinal Newman ikkonkluda li l-kuxjenza hija intuwittiva għax tintgħaġen minn dak li jesperjenza l-bniedem u, fl-aħħar mill-aħħar, jiddeskriviha bħala 'l-liġi tal-moħħ' (Miller, 2014). Emanuel Kant u filosfi oħrajn tas-seklu XVIII irraġunaw li l-kuxjenza għandha tiġi fuq kull kunsiderazzjoni oħra; tant li għandha ssikket kull argument jew sentiment ieħor li jmur kontra l-kuxjenza (Scruton, 2007: 128). Dawn kienu jemmnu li dak il-bniedem li jħaddan moralità korretta għandu kull awtorità biex jaġixxi u jieħu deċiżjoni.

Fuq in-naħa l-oħra tal-munita, ma nisgħux inħallu barra lil Niccolo Machiavelli li fit-trattat politiku Rinaxximentali tiegħu il-Prinċep jgħid li biex il-politiku jikseb ġieħ u jsalva ġildu m'għandux jiddarras meta jiġi biex juża mezzi immorali biex jilħaq l-għanijiet tiegħu (Machiavelli, 2015). Fl-idea postmoderna ta' żmienna ddominata mill-kredu neoliberali, l-idea ta' kuxjenza sserraħ fuq l-għażliet tal-individwu, dejjem bl-iskop li jtejbulu l-kwalità tal-ħajja. Dawn l-għażliet jittieħdu skont iċ-ċirkostanzi, u għalhekk aktar jiffavorixxu l-politika pragmatika milli dik ideoloġika (Vassallo & Cachia, 2020). Għal dawn tal-aħħar, il-kuxjenza żgur li hija relattiva u mhux assoluta. Imwieżna minn xenarju politiku kkaratterizzat mill-popoliżmu li jikkalpesta kull forma ta' elit, il-kuxjenza kontemporanja tbarri kull qafas ideoloġiku, reliġjuż u xjentifiku, għax jinteressaha biss mill-gratifikazzjoni istantanja tal-individwu. Dan huwa proċess li jwassal biex wieħed iraqqad il-kuxjenza vera tiegħu.

Meta japplika l-kuxjenza għall-ħajja tal-politiku, il-Professur Godfrey Pirotta jisħaq li hija l-lealtà lejn il-kuxjenza li ssuq lill-membru parlamentari 'l quddiem fl-għażliet tiegħu (Vassallo, 2021). Skontu, il-kuxjenza hija leħen is-sewwa u l-ġustizzja fil-qalb u l-moħħ ta' kull persuna. Hija r-riga li tiddefinixxi x'inhu ħażin fuq naħa u x'inhu

# Il-Kuxjenza u l-Membri Parlamentari Maltin (Kont.)

tajjeb fuq in-naħa l-oħra. Bniedem rett li jemmen f'ideoloġija politika għandu jkun dejjem f'sintonija mal-kuxjenza tiegħu. Id-dilemma hija li xi minn daqqiet din il-lealtà lejn il-morali tal-individwu taf tkun f'kunflitt mal-lealtà lejn l-elettorat u/jew lejn il-partit. Din hija taħbila tassew diffiċli li ilha tkun dibattuta minn mindu bdejna nesperimentaw bl-idea ta' demokrazija rappreżentattiva.

Pirotta donnu li qiegħed iserraħ il-lealtà tal-membru parlamentari fuq trepied: il-kuxjenza, l-elettorat u l-partit. Tal-ewwel tgħinu jagħmel distinzjoni bejn x'inhu tajjeb jew ħażin. Mill-banda l-oħra, il-kostitwenti għandu bżonnhom biex jikseb siġġu fil-Parlament, waqt li l-Partit jagħtih il-pjattaforma fuqxiex jikkandida ruħu. Il-politiku Ingliż Edmund Burke (1730-1797) kien wieħed minn tal-ewwel li tkellem b'mod elokwenti u aġixxa b'manjiera deċiżiva kull meta nħoloq kunflitt bejn it-tliet lealtajiet: lejn il-poplu, lejn il-partit u lejn il-kuxjenza (jew kif interpretaha hu 'l-interess nazzjonali'). F'diskors memorabbli li għamel nhar it-3 ta' Novembru tal-1774 lill-elettorat ta' Bristol li eliġġieh, Burke spjega li hu, waqt li jirrispetta l-interessi u l-aspirazzjonijiet tal-votanti li għażluh biex jirrappreżentahom fil-Parlament, ma jħossx li hu obbligat li fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interess nazzjonali jew il-moralità għandu jżomm max-xewqat tal-kostitwenza jekk dawn ikunu f'kunflitt. Is-silta li qiegħed nirriproduċi hawn, meħuda mid-diskors imsemmi, hija xhieda awtentika tal-fehma ta' Edmund Burke, meqjus bħala missier il-konservatiżmu modern, dwar il-kunflitt bejn il-lealtà lejn il-poplu u l-lealtà lejn dak li huwa sewwa,

> *To deliver an opinion, is the right of all men; that of constituents is a weighty and respectable opinion, which a representative ought always to rejoice to hear; and which he ought always most seriously to consider. But authoritative instructions; mandates issued, which the member is bound blindly and implicitly to obey, to vote, and to argue for, though contrary to the clearest conviction of his judgment and conscience - these are things utterly unknown to the laws of this land, and which arise from a fundamental mistake of the whole order and tenor of our constitution. (Burke, 1774)*

Huwa ssokta jistqarr li jekk imbagħad in-nies jibqgħu ma jaqblux miegħu, għandhom kull dritt u obbligu li ma jivvutawlux fl-elezzjoni li jkun imiss. B'danakollu, sakemm ir-rappreżentant tal-poplu jdum iservi fil-Parlament għandu, qabel kollox, ikun leali lejn kuxjenza nadifa u moralment tajba. Il-lealtà lejn l-elettorat, għal Burke, għandha tieħu t-tieni post fl-ordni ta' prijorità. L-argument ta' dan il-politiku tas-seklu 18 għadu b'saħħtu u relevanti llum ukoll, u min jaf kemm nisimgħuh jidwi fil-parlamenti ta' żmienna kull meta deputat jiddeċiedi li ma jivvutax skont dak li trid id-dixxiplina tal-partit jew skont ix-xewqat tal-kostitwenti tiegħu li naturalment ikunu jxejru l-bandiera tal-partit. Vot parlamentari meħud b'lealtà lejn il-prinċipji morali tal-kuxjenza tal-individwu se jqajjem kontroversja dejjem, speċjalment jekk ma jsegwix il-linja tal-partit.

Ġaladarba tajna ħarsa ġenerali lejn id-diversi definizzjonijiet u implikazzjonijiet ta' kuxjenza, u kif dawn iġġeddu mal-milja tas-sekli, issa jmiss li niddedikaw l-attenzjoni tagħna biex neżaminaw il-metodoloġija tar-riċerka li ġiet imħaddma f'dan l-istudju.

### Il-metodoloġija

Qabel ma nbeda l-proċess formali tal-ġbir tal-informazzjoni, kien esegwit studju esploratorju fejn ġew mitkellma għadd ta' akkademiċi biex hekk stajna nifhmu aħjar l-implikazzjonijiet teoretiċi u kuntestwali tas-suġġett. Eventwalment, ġiet iddisinjata metodoloġija li tagħmel użu kemm mill-kwantitattiv u kif ukoll mill-kwalitattiv. Tal-ewwel kellu jkun kompost minn kwestjonarju indirizzat għall-Membri Parlamentari (MP) li fil-preżent jinsabu jservu fil-Kamra tad-Deputati, waqt li tat-tieni jiġbor fih għadd ta' intervisti semistrutturati ma' eks MPs. Ġaladarba

# Il-Kuxjenza u l-Membri Parlamentari Maltin (Kont.)

kellna l-approvazzjoni tal-Uffiċċju tal-Ispeaker, l-MPs preżenti kollha ġew ippreżentati bil-kwestjonarju, waqt li avviċinajna lill-Assoċjazzjoni tal-Eks MPs biex tħajjar lill-membri tagħha jipparteċipaw fil-parti tal-intervisti.

Kienu biss 10 minn 67 MPs preżenti li mlew il-kwestjonarju; wieħed min-naħa tal-Gvern, tmienja min-naħa tal-Oppożizzjoni u ieħor li ma speċifikax. Dawn jammontaw għal rata baxxa ta' rispons ta' 14.9%. Ebda statistika sinifikattiva ma tista' tiġi maħduma u ppreżentata minn rispons daqstant żgħir. Għaldaqstant, il-ġabra tal-informazzjoni primarja kienet riżervata unikament fuq intervisti ma' MPs li servew fil-passat. Għoxrin eks MP aċċettaw l-istedina; għaxra mill-Partit Laburista (PL) u għaxra mill-Partit Nazzjonalista. L-intervisti saru bejn Mejju u Ġunju 2020 permezz ta' komunikazzjoni *online*, b'mod partikolari Skype, Zoom u Teams. Il-parteċipanti ġew orjentati fuq l-iskop tar-riċerka mill-Uffiċċju tal-Ispeaker tal-Kamra. Mil-lat etiku, l-istandards marbuta mal-kunfidenzjalità u l-anonimità ġew garantiti; għalhekk dawk intervistati huma riferiti sempliċiment bħala MP1, 2, 3, eċċ. Għal finijiet ta' din ir-riċerka mhux essenzjali li tkun magħrufa l-alleanza politika ta' dawk intervistati.

Is-sessjonijiet ta' intervisti kienu eżerċitati fuq mudell strutturat imma, fl-istess waqt, ġew mistoqsija domandi in promptu biex ikun amplifikat jew mistħarreġ f'iżjed dettall xi punt partikolari. L-ewwel sett ta' mistoqsijiet kienu jikkonċernaw id-definizzjoni, il-formazzjoni u r-relevanza tal-kuxjenza għall-politiku. Eventwalment, kienu mistoqsijin dwar xi esperjenzi fil-ħajja Parlamentari li kienu jinvolvu d-dimensjoni tal-kuxjenza. Finalment, kienu mitluba jikkummentaw kif jaqsmu l-lealtà tagħhom lejn il-kuxjenza, il-kostitwenti u l-partit.

Din ir-riċerka nħadmet f'kollaborazzjoni ma' Dr George Vital Zammit li huwa kollega tiegħi fi ħdan id-Dipartiment tal-Public Policy fl-Università ta' Malta.

### In-narrattiva tal-Parlamentari Maltin

Id-diversi perspettivi li jirriżultaw mill-intervisti qegħdin ikunu kkategorizzati taħt tliet taqsimiet, kif ġej:

1. relevanza, tifsira u natura;
2. esperjenzi fil-Parlament;
3. lealtà lejn il-kuxjenza, il-kostitwenti u l-partit.

B'dan il-mod, ir-riċerka primarja li tirriżulta mill-fieldwork f'Malta tkun tista' tiġi inkwadrata fl-isfond ta' dak li kkwotajna mil-letteratura internazzjonali. L-użu ta' kwotazzjonijiet ad verbatim jissokta jsaħħaħ l-kredibilità u l-awtenċità tan-narrativa domestika.

### Relevanza, tifsira u natura

Dawk intervistati lkoll qablu li l-kuxjenza hija kruċjali biex il-politiku jaqdi dmiru fil-Parlament u fil-Partit. Uħud saħqu li l-kuxjenza hi meħtieġa biex trażżan l-eċċessi tal-poter għax isservi ta' tarka kontra kull forma ta' korruzzjoni. Oħrajn qalu li l-kuxjenza twassal lill-MP biex jieħu deċiżjoni favur il-ġid komuni, minflok jaġevola l-interessi tal-ftit.

> Jekk trid tkun ġust u onest, il-kuxjenza hija kollox. Il-kuxjenza mhix ballun. (MP1)
>
> Il-kuxjenza hi relevanti ħafna għax tmexxik għal x'inhu tajjeb u ħażin. Bħala politiku tkun

# Il-Kuxjenza u l-Membri Parlamentari Maltin (Kont.)

imdawwar bit-tentazzjonijiet u l-kuxjenza ma tħallikx taqa' għalihom. (MP18)
Il-kuxjenza ma tħallikx tagħżel dak li jaqbel lilek, imma tgħinek tiddeċiedi fuq is-sewwa. (MP19)

Meta kienu mitluba jiddefinixxu dan it-terminu, kien hemm taħlita ta' ideat, kunċetti u elementi. Xi wħud sostnew l-għeruq tal-kuxjenza huma mħawla fir-reliġjon Kristjana peress li Malta hija tradizzjonalment Kattolika. Oħrajn esprimew opinjoni li televa l-element razzjonali li jikkostitwixxi l-kuxjenza, filwaqt li kien hemm min qal li ma jarax kunflitt bejn reliġjon u razzjonalità għax it-tnejn jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-kuxjenza. Minkejja l-opinjonijiet diversi, kważi lkoll jikkonverġu li l-kuxjenza hija essenzjalment ġudizzju morali.

Il-kuxjenza hija l-leħen fija li jridni nagħmel it-tajjeb u niċħad il-ħażin. Vuċi morali li tgħinni nagħmel l-għażliet tiegħi. (MP4)

Il-kuxjenza tiegħi hi fformata mir-reliġjon, imma hi indipendenti minn dak li tgħid il-Knisja. (MP10)

Il-kuxjenza tiegħi hija mibnija fuq il-valuri nsara li huma l-milja tal-valuri umani għax ipoġġu lill-persuna umana bħala prijorità fil-ħidma soċjali, politika u ekonomika. (MP20)

Il-kuxjenza għalija la hi leħen Alla u lanqas tappartjeni lil xi qafas reliġjuż. Għalija l-kuxjenza hi *the inner me* li dejjem ifittex kif suppost li jsiru l-affarijiet. Il-kuxjenza tgħinek tneħħi l-konfużjoni meta tiġi biex tiddeċiedi. (MP5)

Il-kuxjenza hija l-ġabra tal-esperjenzi li għaddejt minnhom u li għalhekk ifformaw ir-razzjonalità tiegħi. Hija speċi ta' tribunal intern. (MP3)

Interessanti wkoll jekk il-Parlamentari Maltin iqisux lill-kuxjenza bħala assoluta jew inkella relattiva. Tal-ewwel tindika li l-kuxjenza hija msawra fuq prinċipji li jgħoddu għal kulħadd fi spazji u żminijiet differenti, waqt li tat-tieni ssostni li l-kuxjenza taf tvarja minn persuna għal oħra, minn kultura għal oħra, u minn żmien għal żmien. Hawnhekk ukoll it-tweġibiet tal-parteċipanti ma kinux f'sintonija u, xi drabi, ikkontradixxew lilhom infushom fuq in-natura tal-kuxjenza.

Il-prinċipji dwar l-etika fil-politika huma universali, u t-tentazzjonijiet huma wkoll universali. (MP3)

Il-kuxjenza tinkorpora prinċipji li huma assoluti għal kulħadd. Mhix relattiva. (MP18)

Għalija l-kuxjenza m'għandhiex titbiddel. Nemmen fl-assolutiżmu f'dan ir-rigward. Però mill-iżviluppi li jseħħu madwari, nibda niddubita. Għalhekk hemm lok ta' tibdil fil-ġudizzju morali tiegħi, partikolarment meta ma jkollix konoxxenza ta' informazzjoni li qabel ma kellix aċċess għaliha. (MP6)

Il-kuxjenza hi personali, relattiva u timmatura maż-żmien. Il-kuxjenza mhix ta' kulħadd l-istess, imma nemmen li għandha tkun l-istess għal kulħadd. (MP10)

# Il-Kuxjenza u l-Membri Parlamentari Maltin (Kont.)

### Esperjenzi fil-Parlament

L-elenku ta' mistoqsijiet waqt l-intervisti għadda minn aspetti ta' prinċipji u fehmiet għal esperjenzi reali fil-ħajja parlamentari fejn l-MP kellu jiddeċiedi fuq bażi ta' kuxjenza. Minn dak li qalulna, jidher li kien hemm għadd ta' ċirkostanzi fejn dan kien il-każ. Hawn tispikka l-fehma ta' MP3 meta qal li 'kull liġi li pproponejt, jew ivvutajt kontra jew favur, kelli ngħaddiha minn taħt il-minġel tal-kuxjenza'. MP13 jistqarr fehma dijametrikament opposta għal dan meta qal, 'Ma jidhirlix li sofrejt minn kriżi ta' kuxjenza fis-snin li servejt bħala MP. Kont naqbel mal-manifest tal-Partit u dejjem imxejna skont dak li kellna miktub fil-manifest'.

Il-bqija ta' dawk intervistati semmew każijiet speċifiċi fejn il-kuxjenza lagħbet parti mill-ingranaġġ tad-deċiżjonijiet li ħadu. Dawn il-każijiet ma jikkonċernawx biss materji li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja, imma wkoll *issues* ekonomiċi u oħrajn ta' ideoloġija politika u ta' governanza. Hawn qegħdin nipproduċu lista ta' deċiżjonijiet u liġijiet li ġew diskussi fil-Parlament Malti fejn l-eks MPs stqarrew li ħassew li kellhom jagħmlu ġudizzju morali, anki jekk mhux dejjem ingħataw vot ħieles mill-partit li jimmilitaw fi ħdanu.

- l-inklużjoni tal-prinċipju tan-newtralità fil-Kostituzzjoni;
- it-trasferiment tal-artijiet tal-Knisja lill-Gvern;
- ir-rikonoxxenza taż-żwieġ reliġjuż fuq dak ċivili;
- it-teħid tal-art imqabbla għand il-bdiewa għal finijiet ta' żvilupp;
- is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea;
- il-vot dwar ir-ratifika tal-proposta fuq il-Kostituzzjoni Ewropea;
- il-liġi tad-dritt tad-divorzju;
- l-introduzzjoni tad-dritt tal-IVF;
- it-twessigħ tal-liġi oriġinali tal-IVF;
- il-liġi li tirrikonoxxi l-koabitazzjoni;
- il-kriżi tal-Panama Papers fejn kienu implikati politiċi Maltin;
- il-governanza tajba u allegati każijiet ta' korruzzjoni;
- it-tneħħija ta' maġistrat mill-ħatra tiegħu;
- iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess;
- il-vot dwar ir-ratifika tad-Dikjarazzjoni ta' Istanbul li ma tatx protezzjoni lit-tarbija fil-ġuf.

Meta l-eks MPs ġew mistoqsija jekk finalment ġibdux il-linja tal-partit meta ġew għall-vot, inkella żammewx mal-kuxjenza tagħhom u marru kontra d-direttivi tal-Whip, ir-reazzjonijiet kienu mħallta. Kien hemm min qal li jekk ħass li l-liġi proposta tmur kontra l-prinċipji fundamentali tiegħu - jew *'red line'* - allura ħassu sigur li jmur kontra d-dixxiplina tal-Partit. Oħrajn qalu li xejn mhu faċli tagħmel dan, u għalhekk ivvutaw skont il-linja tal-Partit u, imbagħad, għażlu li ma joħorġux għall-elezzjoni ta' wara. Il-fatt li għandna kultura politika diviżorja u polarizzata ma jgħinx biex l-MP iħossu liberu biex jaġixxi dejjem skont il-kuxjenza. Semmew ukoll il-fatt li l-kostitwenti ma jiħdux gost meta d-deputat tagħhom imur kontra l-Partit għax jippretenduh li għandu jkun dejjem f'sintonija mal-partit tagħhom. Il-kwotazzjonijiet li jmiss isostnu dawn il-fehmiet.

> Fil-maġġorparti tal-każijiet, tkellimt fi ħdan il-partit u mbagħad ħadt azzjoni skont dak deċiż mill-maġġoranza. Minn hemm 'il quddiem imxejt mad-direzzjoni tal-Grupp Parlamentari. Meta, waqt id-diskussjonijiet, tkellimt kontra l-linja tal-partit, kien hemm min ħadni fuq demm id-dars għax ippretenda li dejjem inkun f'sintonija mal-kap jew mal-linja tal-partit. Fil-partit hemm tendenza li l-ewwel iċapċpulek u wara jċapċpuhielek! (MP5)

# Il-Kuxjenza u l-Membri Parlamentari Maltin (Kont.)

Kriżi ta' kuxjenza tinqala' aktar fil-Partit milli fil-Parlament. Meta fil-Partit toħroġ għonqok biex verament tiddefendi dak li temmen li huwa sewwa, jaf f'malajr issib min jaqtagħlek rasek barra. (MP14)

Ma ridtx immur kontra r-rieda tal-poplu espressa f'referendum u lanqas ma ridt nikkontradixxi l-kuxjenza tiegħi. Għamilt kompromess u astjenejt. Ma jisgħobbini xejn li ħadt dan il-pass. (MP6)

Bħala MP ma ħassejtnix ħieles. Hu ovvju li jkollok tiġbed il-linja tal-Partit. Inkella tkun redikolat u tispiċċa tbati l-familja miegħek. Kelli nivvota kontra dak li ħassejt li hu ġust u hemm iddeċidejt li nħalli l-politika u ma nerġax nikkontesta. (MP18)

Minn dak espress fl-intervisti jidher ċar li l-MPs, ħafna drabi, isibu rwieħhom b'idejhom marbuta u mhux dejjem ikun sostenibbli għalihom li jiċħdu l-linja tal-partit biex jippreservaw il-prinċipji skont kif iddettati mill-kuxjenza tagħhom. Dan imur kontra l-ispirtu tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani li jipproklama l-libertà li wieħed għandu kull dritt li jaġixxi skont il-kuxjenza u dan id-dritt għandu jkun eżerċitat mhux biss fil-ħajja privata, imma wkoll fil-ħajja pubblika.

## Lealtà lejn il-kuxjenza, il-partit u l-kostitwenti

L-aħħar taqsima tan-narrativa primarja hija mnebbħa mit-trepied li jitkellem fuqu Godfrey Pirotta u li kien imseddaq minn Edmond Burke f'diskors li kien għamel fil-Parlament Ingliż fl-1774. Hawn qed nirreferu għal kif l-MP iqassam il-lealtà tiegħu bejn dak li huwa sewwa skont kif tgħidlu l-kuxjenza, l-elettorat li jeliġġih f'elezzjoni ġenerali u l-partit li lilu jappartjeni u li fi ħdanu jikkandida ruħu. Lill-eks MPs Maltin staqsejniehom jekk ipoġġux dawn it-tliet tipi ta' lealtajiet fi skaluni ta' prijorità differenti, inkella jekk jaddottawx kriterji aktar pragmatiċi u jagħtu d-dritta lil dik il-lealtà li l-aktar li tkun valida skont iċ-ċirkustanzi tal-mumenti. Dawn huma xi osservazzjonijiet li rriżultawna.

Wieħed għandu dejjem jivvota skont il-kuxjenza u li tkun kompatibbli mal-*policies* tal-partit. (MP2)

L-ewwel lealtà lejn is-sewwa. Imbagħad il-prijorità hija r-responsabilità ministerjali, partikolaremt lejn in-nies li għalihom kont responsabbli. Però qatt ma ħassejthom f'kunflitt dawn it-tlieta. (MP4)

Il-ħajja tal-politiku hi miżgħuda bil-kompromessi. Hemm fejn tista' tagħmilhom u hemm fejn le, partikularment fejn jidħlu *red lines*. Il-kompromess mhux ħażin fih innifsu, però ma' xi ħaġa intrinsikament ħażina, ma tistax tagħmlu. (MP5)

Hija taqbida kontinwa għalija. Bejn il-partit, il-kostitwenti u l-kuxjenza, il-prijorità tiddependi fuq l-*issue*. Fejn hemm *issue* li tmiss *red line*, il-kuxjenza tiġi l-ewwel. (MP10)

Irid ikollok lealtà lejn il-partit, imma m'għandekx tibża' tieħu pożizzjoni f'isem il-kuxjenza. L-importanti hu li n-nies ikunu jafu fejn huma miegħek u li int nadif u mhux *approachable* għal skorretezza. (MP14)

# Il-Kuxjenza u l-Membri Parlamentari Maltin (Kont.)

Il-lealtà lejn il-kuxjenza għalija tiġi l-ewwel, però jkollok tagħmel il-kompromessi. Jien kelli nagħmel xi ftit kompromessi, imma kull kompromess li għamilt, dejjaqni. Ma ħassejtnix komdu. (MP18)

## Konklużjoni

Martin Luther King kien qal, '*There comes a time when one must take a position that is neither safe, nor politic, nor popular, but he must take it because conscience tells him it is right*' (Washington, 2003). Din ir-riċerka kompliet tikkonferma kemm din il-konvinzjoni hija diffiċli biex il-politiku Malti jipprattikaha, f'kuntest fejn il-konformiżmu mal-linja tal-partit ma jagħtix lok għal vuċijiet kuntrastanti. Il-fatt li aktar minn 85% tal-MPs preżenti għażlu li ma jieħdux sehem f'din ir-riċerka minnu nnifsu huwa xhieda ta' kemm hu delikat dan is-suġġett; delikat daqstant li ma jħallihomx komdi jipparteċipaw. Mill-banda l-oħra, l-eks MPs m'għadhomx iżjed marbutin mad-dixxiplina tal-partit u għalhekk huma aktar ħielsa biex jieħdu sehem u jgħidu l-affarijiet kif esperjenzawhom fil-passat. Anzi, xi ftit, kienu huma li xtaqu jipparteċipaw bi ħġarhom f'din ir-riċerka.

Il-Parlamentari Maltin huma lkoll konxji mir-relevanza u l-importanza tal-kuxjenza fil-qadi ta' dmirijiethom, kemm fil-Kamra tad-Deputati u kif ukoll fi ħdan il-Partit. Għalkemm għandhom fehmiet kuntrastanti fuq it-tifsira u n-natura tal-kuxjenza, ilkoll jikkonverġu fuq il-pern ewlieni li l-kuxjenza hija ġudizzju morali dwar x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Ikkonfermaw ukoll li materji ta' kuxjenza mhumiex biss dawk assoċjati mal-ħajja bħall-abort, l-ewtanażja, l-IVF u drittijiet tal-minoranzi, imma jinkludu wkoll kwistjonijiet oħrajn ta' natura ideoloġika, ekonomika u ta' governanza. Il-pressjoni fuq l-MP tant hija kbira li ħafna minnhom stqarrew li l-politiku mhux bniedem ħieles u jkun hemm drabi fejn ikollu jilħaq 'kompromess' - inkella 'bilanċ' - bejn dak li hu sewwa u dak li jrid minnu l-Partit jew il-kostitwenti tiegħu. Dan l-istudju preliminari jiftaħ it-triq għal aktar riċerka fuq dan is-suġġett tant importanti fil-qasam tal-istudju politiku u tal-ħidma parlamentari.

## Radd il-ħajr

- Lill-Onor. Anġlu Farrugia, l-Ispeaker tal-Parlament, li awtorizza li ssir din ir-riċerka
- Lis-Sur Ray Scicluna, l-iskrivan tal-Kamra tad-Deputati, li kien strumentali biex setgħu jintlaħqu l-MPs li għoġobhom jaċċettaw l-istedina biex jipparteċipaw f'din ir-riċerka
- Lill-kollega Dr George Vital Zammit li qiegħed jaħdem miegħi fuq din ir-riċerka

# Il-Kuxjenza u l-Membri Parlamentari Maltin (Kont.)

**Riferenzi**


Aristotle (2009), *Nicomachean Ethics* (transl. W. D. Ross). Oxford: Oxford University Press

Burke, Edmund (1834) [1774], 'Speech to the Electors of Bristol', ippubblikat f'*The Works of the Right Hon. Edmund Burke*, Vol. 1

DeBattista, A. (2020), Il-Libertà tal-Kuxjenza, *Il-Leħen,* 28/06/2020, p. 12

Machiavelli, N. (2015), *The Prince*. USA: Penguin

Miller, E.J. (ed.) (2014), *Conscience the Path to Holiness: Walking With Newman.* UK: Cambridge Scholars Publishing.

Pierce, C.A. (1958), *Conscience in the New Testament, Studies in Biblical Theology.*

Scruton, R. (2007), *Dictionary of Political Thought.* USA: Palgrave Macmillan

United Nations (1948), *Universal Declaration of Fundamental Human Rights*. [online] https://www.un.org/en/universal-declaration-human-rights/#:~:text=The%20Universal%20Declaration%20of%20Human%20Rights%20(UDHR)%20is%20a%20milestone,the%20history%20of%20human%20rights.&text=It%20sets%20out%2C%20for%20the,translated%20into%20over%20500%20languages.

Vassallo, M.T. & Cachia, J.C. (2020), 'Domestic and European Response to Irregular Migration: Malta's Moral Dilemma 2020-2016' in Vassallo, M.T. & Tabone, C. (eds) *Public Life in Malta III: Papers on Governance, Politics and Public Affairs in the EU's Smallest Member State*. Malta: L-Universita' ta' Malta.

Vassallo, M.T. (2021), *Godfrey Pirotta: Il-Politika ta' Ħajja.* Malta: Horizons.

Washington, J.M. (2003), *A Testament of Hope: The Essential Writings and Speeches*, USA: Harper One





*Dott. Mario Thomas Vassallo jgħallem il-politika u l-amministrazzjoni pubblika fid-Dipartiment tal-Public Policy fl-Università ta' Malta. Kitbietu ġew ippubblikati minn djar tal-kotba f'Malta u oħrajn internazzjonali. Koeditur tas-serje ta' kotba bl-isem Public Life in Malta. Iservi fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali. Ipproduċa għadd ta' sensiliet radjufoniċi li jittrattaw temi soċjali, politiċi u ta' Melitensia fuq Campus FM, FM Bronja u Radju Malta.*